SANNAT

Minuti tal-ħamsin laqgħa li ssejħet b'urġenza tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 19 ta' Ġunju, 2012 fis-7.00 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1**

Din il-laqgħa ssejħet b'urġenza rigward it-Tender Nru. 02/2012 tal-Kostruzzjoni u Finishing tal-Bidwi Park. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm il-perit Edward Scerri.

2293 L-offerti mixħuta kienu tnejn:

**Tender No. 02/2012**

**Tender for the Construction of Tal-Bidwi Park in Ta' Sannat.**

**Closing date 11th June 2012 at 12.00 p.m.**

| **No.** | **Contractor** | **Amount** |
|---|---|---|
| 1. | J. Portelli Projects Ltd. | € 225,282.35 |
| 2. | Gatt Tarmac Ltd. | € 224,620.27 |

Is-Sindku ppropona li jinħatar bord tal-aġġudikazzjoni. Il-Kunsillier Taddy Bajada saqsa x'ser jagħmel il-bord għaliex mhux aċċettabli li dawn it-tenders ikunu €34,000 iżjed milli kienet l-istima tal-perit.

SANNAT

Il-perit qal li hu seta naqqas xi xogħlijiet biex b'hekk jiffranka il-flus lill-Kunsill. Hu semma li fiż-żewġ tenders hemm prezzijiet li huma ogħla u oħrajn irħas mill-istima tiegħu. Hu qal li l-bord għandu jara jekk dawn it-Tenders humiex skont dak li qed jintalab. Wara jara u jagħżel dak li hu l-irħas u jintalab iraħħas il-prezz għal dak skont l-istima.

Il-Kunsill approva li jinħatar bord tal-aġġudikazzjoni li jkun kompost mill-perit Edward Scerri, il-perit Brian Curmi u l-avukat Dr. Grazzio Mercieca.

2294 Il-perit ippreżenta r-rapport ta' evalwazzjoni tat-Tender għal formazzjoni tal-pedestrian paved area ta' Triq Skerla - Tender 01/2012. Dan għandu jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat fid-8.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |